ŻEBBUĠ

**Minuti tal-Laqgħa tad-29/07/2010**

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: Il-Ħamis, id-29 ta' Lulju 2010**

**Ħin: Fit-8.15 ta' filgħodu**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joe Bajada – Deputat Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Harry Debono – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku Carmelo Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

Is-Sindku qal l-iskop ta' din il-laqgħa huwa biex tkun diskussa l-possibbilita` li Pjazza l-Assunta tkun *streamed on line* fuq il-*website* tal-Kunsill Lokali, is-siġġijiet għall-Musical 'Għeruqna' u mandat li sar kontra l-Kunsill Lokali fir-rigward ta' Triq iċ-Ċnus.

Is-Sindku qal bi spiża ta' €500 l-attivitajiet tal-Kunsill jistgħu jkunu *streamed* fuq il-*website* tal-Kunsill b' *link* mill-bini tal-Kunsill għal ġol-pjazza.

Is-Sindku ressaq il-proposta għall-vot.

Favur – is-Sindku
Kontra – il-Kunsilliera Camilleri u Refalo
Astensjonijiet – il-Kunsillier Debono.

Il-proposta m' għaddietx.

*Il-Viċi Sindku ma kienx preżenti meta ttieħed il-vot.

**SIĠĠIJIET GĦALL-MUSICAL 'GĦERUQNA'**

Is-Sindku għarraf lill-Kamra li l-Parroċċa għandha mitejn siġġu li jistgħu jintużaw għas-*seating* tal-musical u dawn jistgħu jissellfu għall-prezz ta' €50. Il-Kunsill qabel li juża l-mitejn siġġu tal-Parroċċa.

Il-Kunsillier Refalo qal hu mhux ser isellef is-siġġijiet tiegħu għall-musical u dan wara li t-tfal tal-lokal ingħataw ġelati minn gabbana oħra meta l-Kunsill niżżel it-tfal fuq il-*bumping cars*.

Is-Sindku wieġeb dawk il-ġelati ngħataw 'gratis'.

Is-Sindku għarraf lill-Kamra b' Mandat li sar mill-Avukat tal-Kunsill Dr Angele Formosa f' isem Rose Mercieca vs Kunsill Lokali Żebbuġ dwar ix-xogħlijiet ta' tarmak fi Triq iċ-Ċnus. Is-Sindku qal peress li l-Avukat tal-Kunsill qed taħdem għal Mercieca, hu kien kellem lil Dr Mario Scerri dwar dan il-każ.

Il-laqgħa ntemmet fit-8.35 ta' filgħodu.

| | |
|---|---|
| **Carmelo Saliba CLJ MMLJ** | **Diane Tagliaferro** |
| **Sindku** | **Segretarja Eżekuttiva** |